



*Il-Kontribut tal-Kummissjoni Ewropea
lill-Kunsill Ewropew*

**Djalogi maċ-Ċittadini
u Konsultazzjonijiet maċ-
Ċittadini**

Rapport ta' progress

il-11 ta' Diċembru 2018

Werrej

L-Aspettattivi tal-Ewropej	3
1. Dibattitu miftuħ, u onest u mal-Ewropa kollha	4
1.1 Djalogi permanenti maċ-Ċittadini	5
1.2 Nidħlu fil-qalb tal-Ewropa	11
2. Aspettattivi kbar	15
2.1 Ekonomija dinamika.....	18
2.2 Ewropa li tipproteġi.....	20
2.3 Indirizzar tal-migrazzjoni	22
2.4 Ġlieda kontra t-tibdil fil klima, protezzjoni ambjentali	24
2.5 Ewropa aktar b'saħħitha fid-dinja	26
2.6 Ewropa tal-valuri	28
2.7 Perspettiva għall-ġenerazzjoni żagħżugħa.....	31
Nagħmlu differenza	33

L-Aspettattivi tal-Ewropej

Jean-Claude Juncker, il-President tal-Kummissjoni Ewropea

L-Ewropa hija primarjament Unjoni taċ-Ċittadini. Huma l-qalb, ir-ruħ u l-mutur tal-proġett tagħna. U huma jridu jkunu fil-qalba tal-Unjoni ta' għada, billi jgħidu tagħhom u jiddeċiedu l-ġejjieni tal-Unjoni tagħhom. L-Ewropa jeħtieġ li tissaħħaħ u li ssir aktar magħqda, iżda dan huwa possibbli biss jekk issir aktar demokratika.

Meta dħalt fil-kariġa flift li npoġġi n-nies fuq quddiem nett. Biex niżgura li kull leħen jissarra, li kull opinjoni tinstema'. Id-dibattitu u d-djalogu minn dejjem kienu parti mill-ħidma tal-Kummissjoni. Nedejna djalogu permanenti maċ-ċittadini, mat-tim sħiħ tiegħi ta' Kummissarji u ta' persunal anzjan tal-Kummissjoni li jkopri kull parti tal-Unjoni tagħna biex nisimgħu t-tamiet, il-biżgħat, l-aspettattivi u ideat ġodda.

Il-kummenti li rċevjna għad-djalogi maċ-ċittadini juru kemm l-Ewropej jixtiequ mhux biss jagħtu l-opinjoni tagħhom iżda wkoll jinvolvu ruħhom fit-teħid tad-deċiżjonijiet u li jkollhom impatt dwar kif l-Unjoni timxi 'l quddiem. Fid-dawl ta' dan, il-Kummissjoni ppreżentat il-White Paper dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa fl-1 ta' Marzu 2017. Ix-xenarji differenti possibbli għall-ġejjieni komuni tagħna nedew firxa wiesgħa ta' dibattiti dwar kif għandha tevolvi l-Ewropa. Il-mexxejja appoġġaw dan f'Ruma fil-25 ta' Marzu tal-2017 matul iċ-ċelebrazzjonijiet tas-60 anniversarju billi wegħdu li jisimgħu liċ-ċittadini u jwieġbuhom. Minn dakinhar, il-Kummissjoni ppromwoviet parteċipazzjoni aktar b'saħħitha taċ-ċittadini dwar id-dibattitu dwar il-ġejjieni tal-Ewropa, billi żviluppat forom ġodda ta' djalogu, biex b'hekk id-dibattitu sar aktar flessibbli, billi ttieħed onlajn u qiegħed jilħaq udjenza usa' u aktar varjata.

Sal-lum, 160,000 ċittadin ta' kwalunkwe nazzjonalità, età, razza, reliġjon u mill-firxa tal-ispettru politiku pparteċipaw f'aktar minn 1,200 dibattitu tat-tip li jsiru fis-swali tal-kunsilli, l-universitajiet, il-fabbriki u postijiet oħra madwar l-Ewropa.



Jean-Claude Juncker



1. Dibattitu miftuħ, u onest madwar l-Ewropa

1.1 Djalogu permanenti maċ-Ċittadini



“Din il-White Paper għandha tiftaħ dibattitu onest u mifrux maċ-ċittadini dwar kif għandha tevolvi l-Ewropa fis-snin li ġejjin. Għandu jinstema’ kull leħen.”

White Paper dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa, l-1 ta’ Marzu 2017

Iċ-ċittadini f’Cadiz Kif bdew id-djalogi tal-Kummissjoni

Is-Sena Ewropea taċ-Ċittadini fl-2013 serviet biex il-Kummissjoni Ewropea tat bidu għad-Djalogi maċ-Ċittadini. Hija ġiet fi żmien kruċjali għall-Unjoni, meta kienet qed tfakkar l-20 sena taċ-Ċittadinanza tal-UE u fi żmien it-tnejjija għall-elezzjoniet tal-Parlament Ewropew is-sena ta’ wara.

Dik is-sena, biex tagħti ħarsa lejn ir-rwol, l-influwenza u l-aspettativi tal-Ewropej, il-Kummissjoni ppubblikat ir-Rapport dwar iċ-Ċittadinanza tal-UE. Dan enfażizza xi wħud mill-ostakoli għaċ-ċittadini li jeżerċitaw id-drittijiet sħaħ tagħhom. Huwa żvela wkoll il-ħtieġa li l-Ewropa tersaq aktar lejn iċ-ċittadini tagħha u li tinvolvihom aktar.

F’dan l-ispirtu, il-Kummissjoni Ewropea nediet l-ewwel Djalogu maċ-Ċittadini li qatt għamlet biex tiddiskuti maċ-ċittadini, u wkoll mal-politiċi nazzjonali u lokali. Fis-27 ta’ Settembru 2012 fil-port Spanjol ta’ Cadiz, il-Viċi-President Viviane Reding iltaqgħet mal-komunità lokali biex tiddiskuti dak kollu li hu Ewropew, bin-nies li nġhaqdu onlajn biex jirrispondu għall-mistoqsija #QuéEuropaQueremos?



Il-futur tal-Ewropa huwa f’idejn l-Ewropej kollha. Ma jistax ikun impost mill-Mexxejja jew mill-istituzzjonijiet. Waqt li huwa ċar li għażliet politiki differenti jistgħu jaraw l-Unjoni tagħna tevolvi b’għadd ta’ modi differenti, hemm almenu ċertezza waħda: l-Ewropa trid tisma’ liċ-ċittadini tagħha u hija għandha taġixxi skont ma tisma’.

Dan l-approċċ huwa minqax fil-ħidma tal-Kummissjoni Ewropea minn qabel ma bdiet - mill-Programm tal-President Juncker ibbażat fuq 10 prijoritajiet politiki għall-ittra ta’ missjoni mibgħuta lill-Kummissarji kollha fil-bidu tal-mandat li appellatlihom b’mod espliċitu biex ikunu *“politikament attivi fl-Istati Membri u fid-djalogi maċ-ċittadini, billi nippreżentaw u nikkomunikaw l-aġenda komuni tagħna, nisimgħu l-ideat u nikkollaboraw mal-partijiet interessati”*.

MILL-WHITE PAPER DWAR IL-ĠEJJINI TAL-EWROPA GĦAL SIBIU


Il-Kummissjoni Ewropea żammet ma' din il-wegħda. Dan huwa spjegat l-aħjar fid-dibattitu miftuħ mill-White Paper dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa, ippreżentat mill-President Juncker fl-1 ta' Marzu 2017. Il-White Paper ippreżentat ħames xenarji possibbli għall-futur tal-Unjoni ta' 27: Inkomplu kif aħna, Xejn ħlief is-Suq Uniku, Dawk li jridu aktar, jagħmlu aktar, Isir Anqas b'Aktar Effiċjenza, u Flimkien isir ferm aktar. Ix-xenarji ma kinux preskrittivi, eżawrjenti jew reċiprokament esklussivi biex b'hekk ippermettew li l-elementi minn-kull wiegħed ikunu kkombinati skont il-qasam ta' politika inkwistjoni. Ix-xenarji tfasslu biex jissupplixxu dibattitu b'firxa wiesgħa dwar il-ġejjieni tal-unjoni tagħna, biex b'hekk jippermettu li n-nies jesprimu l-għażla preferita tagħhom jew l-opinjoni tagħhom. Kif qal il-President Juncker, il-White Paper ippreżentat "approċċ ġdid: iddiskuti, mhux iddetta". Id-dibattu serva biex jiffoka l-imħuħ tal-Mexxejja u l-Istituzzjonijiet Ewropej fuq l-aktar politiki u prijoritajiet imporanti għall-ġejjieni tagħna.

Fil-25 ta' Marzu 2017, il-mexxejja tal-Unjoni Ewropea ltaqgħu biex jiċċelebraw is-60 anniversarju tat-Trattati ta' Ruma, biex jirriflettu dwar il-kisbiet passati u jiddibattu dwar x'għandu u x'jista' jkun il-futur kondiviż tagħna. Huma wiegħdu "li se nisimgħu u nwiegħbu l-preokkupazzjonijiet taċ-Ċittadini tagħna" u li jaħdmu mal-parlamenti nazzjonali. Dan kien segwit bil-pubblikazzjoni ta' serje ta' dokumenti ta' riflessjoni dwar uħud mit-temi l-aktar importanti u relevanti għall-futur tagħna.



XENARJI					
X'JINVOLVI?	<p>UE27 timplimenta u taġġorna l-aġenda kurrenti ta' riforma. Il-prijoritajiet jkunu aġġornati regolarment, il-problemi jiġu indirizzati mill-ewwel u leġislażjoni ġdida tkun varata kif xieraq.</p>	<p>UE27 tappfondixxi biss aspetti ewlenin tas-suq uniku.</p>	<p>UE27 tippermetti li dawk l-Istati Membri li jixtiequ jistgħu jaħdmu aktar flimkien f'ċerti oqsma ta' politika. B'risultat ta' dan, l-Istati Membri jaqblu ma' arranġamenti speċifiċi legali u baġitarji biex jappfondixxu l-kooperazzjoni tagħhom. Stati Membri oħra jistgħu jingħaqdu maż-żmien.</p>	<p>Kunsens dwar il-ħtieġa li jkunu indirizzati aħjar ċerti prijoritajiet flimkien iġiegħel lill-UE27 tiffoka l-attenzjoni u r-riżorsi biex tikseb aktar rezultati u aktar malajr f'oqsma politiċi magħżula, waqt li f'oqsma oħra tieqaf taġixxi jew tagħmel anqas.</p>	<p>L-Istati Membri jikkondividu aktar setgħa, riżorsi u teħid tad-deċizzjonijiet fl-oqsma politiċi kollha, l-euro tissaħħaħ, u d-deċizzjonijiet fil-livell tal-UE jkunu eżegwiti rapidament.</p>
	Inkomplu kif Aħna	Xejn ħlief is-Suq Uniku	Dawk li jridu aktar, jagħmlu aktar	Isir anqas b'aktar effiċjenza	Flimkien isir ferm aktar

Fl-istess waqt, il-futur tagħna ma jistax jibqa' xenarju jew sett ta' ideat. Jeħtieġ li jingħata l-ħajja permezz ta' viżjoni politika, għażliet u politiki. Huwa għalhekk li, matul id-Diskors dwar l-Istat tal-Unjoni tal-2017, il-President Juncker tkellem dwar id-dibattitu, billi ta l-ewwel tweġibiet u proposti għall-ġejjieni tagħna u billi ppreżenta l-viżjoni tiegħu. Huwa inspira ruħu mill-ideat taċ-ċittadini biex jippreżenta Pjan direzzjonali għal Ewropa aktar unita, aktar b'saħħitha u aktar demokratika. Huwa stipula għadda ta' passi li għandhom jittieħdu biex jintlaħaq dan il-pjan, li jilħqu l-qofol tagħhom fil-Laqqgħa Informali tal-Mexxejja tal-Unjoni Ewropea f'Sibiu fid-9 ta' Mejju 2019 biex tħejji għall-Aġenda Strateġika 2019-2024 li toffri perspettiva għall-ġejjieni tal-UE b'27 pajjiż.



“Se naħdmu flimkien biex nerġgħu niks bu l-fiduċja taċ-ċittadini fil-proġett Ewropew”

Jean-Claude Juncker, il-Linji Gwida Politiċi, 2014

ID-DJALOGI MAĊ-ĊITTADINI

Id-Djalogi maċ-Ċittadini huma strumentali biex jinstemgħu il-ħna u ideat ġodda fid-dibattitu dwar il-futur tal-Ewropa. Dan it-tip ta' laqgħat fis-sala tal-Kunsill jippermettu liċ-ċittadini bi sfondi differenti biex jiddibattu, jiskambjaw u jittkellmu liberament ma' dawk li jsewvwhom. Il-parteċipanti kienu jinkludu Kummissarji, Membri tal-Parlament Ewropew, il-Kumitat tar-Reġjuni u l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, u kif ukoll rappreżentanti tal-awtoritajiet Ewropej, nazzjonali, reġjonali u lokali.



Il-messaġġ ewlieni huwa li l-Ewropej iridu jfasslu l-futur tal-Unjoni tagħhom. Huma jridu jikkondividu l-ideat tagħhom u jsemmgħu leħinhom dwar kif jistgħu jsaħħu l-Ewropa. Dan il-momentum u l-kilba għad-dibattitu huwa rifless fiċ-ċifri.

L-għadd ta' Djalogi maċ-Ċittadini żdied b'mod sinifikanti wara l-White Paper dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa, iżda jeħtieġ li nkomplu għaddejnin b'dan ir-ritmu. Huwa għalhekk li fi Frar tal-2018 il-Kummissjoni Ewropea ħabbret l-intenzjoni tagħha li tilħaq il-mira ta' 1,000 Djalogu maċ-Ċittadini. Dan diġà nqabeż b'sew aktar minn 1,200 djalogu li saru sa issa, li għabru madwar 160,000 parteċipant. L-impatt jidher diġà fil-ħidma tal-Kummissjoni u ta' istituzzjonijiet oħra. Pereżempju, il-proposta tal-Kummissjoni għal baġit ġdid fuq terminu twil, u d-diskussjonijiet sussegwenti fost il-koleġizlauri jirriflettu l-prijoritajiet u l-ambizzjonijiet taċ-ċittadini espressi matul id-dibattitu tal-White Paper.

Għall-biċċa l-kbira tad-Djalogi maċ-Ċittadini, il-Kummissjoni Ewropea taqsam il-podju ma' personalità nazzjonali, reġjonali jew lokali. B'kollox, 102 Membru tal-Parlament Ewropew, 195 politiku nazzjonali (inkluż Presidenti, Prim Ministri, Ministri u Membri tal-Parlamenti nazzjonali) u 91 politiku reġjonali ipparteċipaw f'avvenimenti bħal dawn. Dan jirrifletti l-impenn konġunt għall-Ewropa u l-ħtieġa li ningħaqdu meta nikkomunikaw dwar il-benefiċċju li l-Ewropa ġġib għal kulħadd.



Jean-Claude Juncker, President tal-Kummissjoni Ewropea, Joseph Muscat, Prim Ministru ta' Malta u Karmenu Vella, Kummissarju responsabbli mill-Affarijiet Marittimi u Sajd Valletta, Malta, id-29 ta' Marzu 2017



Margrethe Vestager, Kummissarju responsabbli mill-Politika tal-Kompetizzjoni u Bruno Le Maire, Ministru Franċiż għall-Ekonomija u l-Finanzi. Strasburgu, Franza, it-23 ta' Ottubru 2018.

Il-Kummissjoni Ewropea qiegħda wkoll tiżviluppa formati ġodda ta' Djalogi maċ-Ċittadini, inklużi avvenimenti transfruntiera u Djalogi onlajn permezz ta' Facebook live u mezzi oħra. Kienu żviluppatti sħubijiet ġodda biex jittieħed vantaġġ massimu minn dawn id-dibattiti l-ġodda, notevolment billi jkunu koospitati mal-Istati Membri.




Djalogu maċ-Ċittadini transfruntier Ġermano- Pollakk fl-24 ta' Mejju 2018 fi Frankfurt/ Oder, il-Ġermanja, flimkien ma' Frans Timmermans, l-Ewwel Viċi President tal-Kummissjoni Ewropea, Elżbieta Polak, Marshal tal-Voivodeship ta' Lubusz, u Stefan Ludwig, Ministru għall-Ġustizzja, l-Affarijiet Ewropej u l-Protezzjoni tal-Konsumatur tal-Istat ta' Brandenburg



Il-Kummissarju għas-Saħħa u s-Sikurezza Alimentari Vytenis Andriukaitis f'Zagreb, il-Kroazja, is-17 ta' Mejju 2018. L-Impatt tad-Djalogi maċ-Ċittadini huwa amplifikat permezz tal-Midja Soċjali.

ID-DJALOGI MAĊ-ĊITTADINI MADWAR L-UE




Djalogi maċ-Ċittadini f'ċifri

(inkluż 24 Djalogu maċ-Ċittadini fuq Facebook live)



1,261 djalogu
f'405 ibliet




Total ta' kemm intlaħqu nies mill-2015 'il quddiem



160,000
parteċipant totali

Parteċipanti fis-sena



iktar minn
37.2 miljun
impressjoni
fuq il-midja
soċjali



1.4 miljun
telespettatur
milħuqa
permezz
tal-web
streaming



248 miljun
ruħ setgħu
ntlaħqu bil-
midja

Id-Djalogi maċ-Ċittadini minn meta bdiet taħdem il-Kummissjoni Juncker



1.2 Nidħlu fil-qalb tal-Ewropa



“Nemmen ukoll li tul ix-xhur li ġejjin, għandna ninvolve aktar lil Parlamenti nazzjonali u lis-soċjetà ċivili fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali fil-ħidma dwar il-futur tal-Ewropa.”

Jean-Claude Juncker, id-Diskors dwar l-Istat tal-Unjoni 2017, it-12 ta' Settembru 2017

L-għan aħħari tad-dibattitu dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa huwa li jinstemgħu l-opinjoni u l-ideat kollha, minn madwar l-Ewropa kollha - mil-Lvant għall-Punent u mit-Tramuntana san-Nofsinhar. Minn dawk li jafu l-vokabularju tal-Ewropa għal dawk li qatt ma semgħu biha. Kull leħen huwa validu.

Huwa għalhekk li l-Kummissjoni Ewropea ffukat li tipprova tilħaq liċ-ċittadini b'modi differenti u billi tissieħeb mal-istituzzjonijiet l-oħra kollha u mal-Istati Membri li jridu jipparteċipaw.

Bosta rrispondew għas-sejħa. Il-**Parlament Ewropew** nieda serje ta' dibattiti ta' livell għoli dwar il-ġejjieni tal-Ewropa mal-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern.




Il-President Juncker u l-President Macron jinkoraġġixxu d-dibattitu dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa - © L-Unjoni Ewropea




Taaiseach Leo Varadkar kien l-ewwel mexxej nazzjonali li ddiskuta dwar il-ġejjieni tal-Ewropa fil-Parlament Ewropew © L-Unjoni Ewropea

Lista tad-dibattiti ta' livell għoli tal-Parlament Ewropew



Il-**Kumitat tar-Reġjuni** ħa d-dibattitu fir-reġjuni fil-bliet u fil-muniċipalitajiet Ewropej permezz tal-proċess “Nirriflettu dwar l-Ewropa”. Il-Kumitat tar-Reġjuni u l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew nedew inizjattivi kbar biex jisimgħu liċ-ċittadini. Kemm jekk organizzati mill-Kummissjoni Ewropea jew minn istituzzjonijiet oħrajn, mill-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali, jew mis-soċjetà ċivili, dawn kollha għandhom l-istess skop u huma perfettament kumplementari.

Bosta **Mexxejja Ewropej**, inkluż il-President Macron, il-Kanċillier Merkel, u bosta oħra, ħadu bosta passi ġodda biex isaħħu d-dibattitu dwar il-ġejjieni tal-Ewropa.



Rapport mill-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni



*Il-Kanċillier Merkel hija favur Djalogu permanenti maċ-Ċittadini
© Bundesregierung / Steins*



*Il-Kanċillier Kurz. Il-Prezidenza Awstrijaka tal-Kunsill Ewropew
kellha rwol kruċjali fil-koordinazzjoni tal-isforzi mill-Istati Membri
- © BKA / Dragan Tatic*

B'segwitu għall-approċċ tal-Kummissjoni li jiffavorixxi t-trasparenza, il-pluraliżmu u l-ftuħ, f'Marzu tal-2018 27 Stat Membru approvaw Qafas Konġunt dwar il-Konsultazzjonijiet maċ-Ċittadini. Dan kien kompletament konformi mal-approċċ tal-Kummissjoni ta' trasparenza, pluraliżmu u ftuħ.

Sabiex tappoġġa l-proċess, il-Kummissjoni Ewropea waqqfet inizjattiva unika fid-demokrazija parteċipattiva, biċ-ċittadini stess li fasslu l-mistoqsijiet għal konsultazzjoni onlajn dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa. Il-Kummissjoni Ewropea ssieħbet mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew biex tgħaqqad **Panel taċ-Ċittadini** magħmul minn 96 persuna mis-27 Stat Membru kollha kemm huma. Huma ntgħażlu minn aġenzija indipendenti ta' sħarriġ biex jirriflettu dwar id-diversità tal-isfondi soċjodemografiċi u l-opinjoni dwar l-Unjoni Ewropea. Fuq jumejn f'Mejju tal-2018, huma ddiskutew, iddibattew, fasslu u approvaw sett ta' mistoqsijiet għall-Ewropej.



Il-kwestjonarju mfassal mill-Panel taċ-Ċittadini kien il-bażi għal **konsultazzjoni onlajn** li bdiet fid-9 ta' Mejju 2018 fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE.



**Konsultazzjoni
pan-Ewropea multilingwi**



**12-il mistoqsija
(mistoqsijiet magħluqa u
miftuħa)**







**Appoġġata minn
attivitajiet fuq il-midja
soċjali**

Diġà rċevjna aktar minn 76,000 kontribuzzjoni. Fil-biċċa l-kbira tagħhom huma fihom kummenti u ideat kwalitattivi, flimkien mal-mistoqsijiet “magħluqa” li jiffukaw fuq uħud mill-kwistjonijiet ewlenin għall-ġejjieni tagħna.

Dan kien kumplementat minn sħarriġ speċjali tal-Ewrobarometru dwar il-ġejjieni tal-Ewropa li sar bejn l-24 ta' Ottubru u s-7 ta' Novembru 2018 b'kampjun rappreżentattiv ta' 27,339 ċittadin tal-Unjoni Ewropea.

IL-KONSULTAZZJONI ONLAJN

		Għadd ta' Kontribuzzjonijiet
Franza		22,869
Il-Ġermanja		10,021
L-Ungerija		7,830
Spanja		5,419
Il-Polonja		4,249
Il-Belġju		4,187
L-Italja		4,089
Il-Portugall		1,948
Ir-Rumanija		1,408
In-Netherlands		1,353
Ir-Renju Unit		1,347
L-Awstrija		1,149
L-Irlanda		867
Il-Greċja		844
Is-Slovakkja		844
Ir-Repubblika Ċeka		718
L-Iżvezja		683
Il-Bulgarija		672
Il-Finlandja		421
Il-Kroazja		407
Il-Lussemburgu		319
Id-Danimarka		299
Is-Slovenja		235
Ċipru		178
Malta		165
Il-Litwanja		146
Il-Latvja		109
L-Estonja		68
<i>Pajjiżi mhux tal-UE</i>		726
<i>Mhux speċifikat</i>		2,572
Total		76,142

(sas-7/12/2018)



2. Aspettativi kbar



“L-ideat u d-determinazzjoni tal-mijiet ta’ miljuni ta’ Ewropej se jkunu l-ixprun tal-progress tagħna.”

White Paper dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa, l-1 ta’ Marzu 2017

Minkejja d-diversità tal-formati u tal-parteċipanti tagħhom, id-djalogi għandhom it-tendenza li jikkonverġu madwar ċerti suġġetti rikorrenti.

Kumplessivament, il-parteċipanti għandhom it-tendenza li jipperċepixxu l-Unjoni Ewropea b’mod pożittiv. Huma jaraw l-Ewropa bħala l-muftieħ għas-**soluzzjoni tal-problemi**. Hemm ukoll tħassib u frustrazzjoni. Il-mistoqsija dwar min għandu jagħmel x’hiex, titqajjem ta’ spiss. Iċ-ċittadini għandhom it-tendenza li jaħsbu li l-isfidi ewlenin jistgħu jkunu indirizzati b’mod aktar effiċjenti permezz ta’ azzjoni kombinata fil-livell Ewropew u dak nazzjonali. Huma għandhom it-tendenza li jiffavorixxu aktar armonizzazzjoni fil-livell Ewropew, pereżempju għall-ambjent u s-sikurezza alimentari. Iżda fil-biċċa l-kbira jistennew ukoll u jitolbu **riformi biex l-Unjoni tkun aktar effiċjenti u aktar trasparenti**.

Meta ġew mistoqsija “Liema deċiżjonijiet meħuda fil-livell Ewropew jagħmluk kburi li int parti mill-Unjoni?”, ħafna mill-parteċipanti onlajn isemmu **sfidi globali** bħall-politika esterna u mad-difiża, il-migrazzjoni jew l-ambjent u t-tibdil fil-klima.

Kwistjonijiet ekonomiċi u soċjali ukoll jissemmev ta’ spiss. Il-ħtieġa għal ekonomija dinamika li tiffoka fuq id-diġitali, ir-riċerka u l-innovazzjoni, u Żona Euro stabbli hija tema prominenti - bħalma hi tema prominenti ix-xewqa ċara għal livell għoli ta’ korrettezza u protezzjoni.

L-Ewropa hija perċepita wkoll bħala **kontinent ta’ valuri**, fejn l-istat tad-dritt, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u n-nondiskriminazzjoni jridu jkunu protetti.



Konsultazzjoni onlajn

“Liema deċiżjonijiet meħuda fil-livell Ewropew jagħmluk kburi li int parti mill-Unjoni?”

[L-aktar kliem komuni mit-tweġibiet]

Uħud jippreferu li l-Unjoni Ewropea tiffoka fuq suġġetti li diġà jinsabu fil-qalba tal-aġenda Ewropea, notevolment l-għaxar prijoritajiet politiċi tal-Kummissjoni Juncker. Uħud ma jafux x'inhom qed isir diġà f'dawk l-oqsma u bosta jixtiequ li l-Ewropa titwassal lilhom b'mod aħjar.

Matul il-Panel ta' Ċittadini li ltaqa' f'Mejju tal-2018, **Brexit** ma kinitx fost il-kwistjonijiet prinċipali li l-parteċipanti kellhom l-intenzjoni li jiddiskutu. Brexit tissewma fid-Djalogi ma' Ċittadini, iżda spiss f'termini tal-impatt li se jkollha fuq il-baġit Ewropew u fuq l-ekonomija tal-Istati Membri.



2.1 Ekonomija dinamika

Il-ħtieġa li r-**riċerka u l-innovazzjoni** jkunu prijoritizzati u inċentivati spiss titqajjem, flimkien ma kif jista' jittejjeb l-aċċess għall-**finanzjament u l-investment**.

Skont stħarriġ riċenti tal-Ewrobarometru li sar f'Novembru tal-2108, kważi tliet kwarti tal-popolazzjoni taż-**Żona tal-Euro** jappoġġaw l-Unjoni Ekonomika u Monetarja. Madankollu, waqt li bosta parteċipanti fid-Djalogu maċ-Ċittadini jaraw b'mod ċar il-benefiċċji tal-euro, huma spiss jorbtuh mal-għoli fil-prezzijiet jew huma nkwetati dwar l-instabilità kkawżata minħabba li r-regoli ma jkunux segwiti.

Il-moviment liberu fl-Unjoni Ewropea huwa fil-biċċa l-kbira perċepit bħala assi għall-ekonomija u għaċ-ċittadini stess, li jistgħu jgħixu, jaħdmu, jistudjaw u jagħmlu negozju fi Stat Membru ieħor.

Is-suq uniku u l-kummerċ internazzjonali huma fil-biċċa l-kbira tagħhom perċepiti bħala opportunità għall-kumpaniji u għall-konsumaturi. Xi parteċipanti jixtiequ jaraw aktar ftehimiet ta' kummerċ ħieles, għalkemm proporzjon sinifikanti jibża' minn kompetizzjoni inġusta u mill-influwenza tal-korporazzjonijiet internazzjonali.

L-ekonomija diġitali spiss tissemma, bl-Unjoni Ewropea mistennija li tiżgura tkabbir tas-settur, li tipproteġi l-privatezza tad-*data* u li tirregola l-pożizzjoni b'saħħitha tal-ġganti fuq is-suq diġitali.

“ L-UE għandha tiżgura li l-impredituri u n-negozji l-ġodda fil-pajjiżi u fir-reġjuni kollha jkollhom aċċess għall-kapital ta' riskju li jkollhom bżonn biex ipoġġu l-ideat tagħhom fis-suq.
Id-Djalogu maċ-Ċittadini f'Varna, il-Bulgarija

Għandna bżonn strumenti finanzjarji tal-UE li jistgħu jużawhom l-impredituri żgħażaġħ biex ikabbru n-negozji tagħhom.

”

Id-Djalogu maċ-Ċittadini f'Opole, il-Polonja



Hekk kif l-Intelliġenza Artifiċjali qed issir aktar importanti, l-UE għandha tappoġġa dan l-iżvilupp.

Id-Djalogu maċ-Ċittadini fi Strasburgu, Franza

Kont taf li...

- ... il-Pjan Juncker, imniedi f'Novembru tal-2014, skatta EUR 360 biljun f'investiment addizzjonali madwar l-Ewropa, bi 850,000 kumpanija żgħira u ta' daqs medju. li mistennija jibbenefikaw minn aċċess imtejjeb għall-finanzjament.
 - ... mill-bidu tal-Kummissjoni Juncker, fl-Unjoni Ewropea nħolqu aktar minn 12-il miljun impjeg.
 - ... is-Sħubija Ekonomika mal-Ġappun se tiffranka qrib il-EUR 1 biljun f'dazji doganali lill-kumpaniji Ewropej.
 - ... sal-2020, aktar minn 10 miljun Ewropew se jkunu impjegati fl-ekonomija tal-UE xprunata mid-*data*. L-Unjoni Ewropea qed timplimenta strateġija sabiex tiżviluppa l-ekonomija diġitali u l-impatt pożittiv tagħha fuq il-ħajja taċ-ċittadini.
-



2.2 Ewropa li tipproteġi

Id-Djalogi maċ-Ċittadini madwar l-Ewropa qajmu dibattiti intensivi dwar l-appoġġ soċjali. Il-parteċipanti spiss jitolbu li jkun hemm **drittijiet soċjali** aktar b'saħħithom u jqajmu mistoqsijiet dwar id-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa, il-liv tal-ġenituri u kwistjonijiet soċjali oħra.

Xejn anqas minn 85% ta' dawk li wieġbu għall-istħarriġ tal-Ewrobarometru jikkunsidraw li l-**ekonomija tas-suq ħieles** għandha timxi id f'id ma' livell għoli ta' protezzjoni soċjali.



jikkunsidraw li l-ekonomija tas-suq ħieles għandha timxi id f'id ma' livell għoli ta' protezzjoni soċjali.

Ewrobarometru, Novembru 2018

Is-saħħa hija wkoll suġġett prominenti. Hemm tħassib serju dwar il-futur, bi 72% ta' dawk li wieġbu għall-istħarriġ tal-Ewrobarometru li jibzġu li l-ħajja ta' dawk li huma tfal illum se tkun aktar diffiċli mill-ħajja ta' dawk tal-ġenerazzjoni tagħhom.

Id-drittijiet tal-konsumatur huma parti importanti minn din is-sejħha għall-protezzjoni. Is-sikurezza alimentari u l-kwalità tal-prodotti alimentari jissemmew regolarment, spiss fil-kuntest ta' tħassib dwar il-globalizzazzjoni. Iċ-ċittadini jistennew li l-ftehimiet kummerċjali jirrispettaw standards għoljin, inklużi dawk soċjali u ambjentali.

Iżda l-ħtieġa għal Ewropa aktar protettiva hija primarjament espressa fir-rigward tal-**kriminalità u s-sigurtà**. Meta mistoqsija dwar x'għandhom ikunu l-prijoritajiet tal-Unjoni Ewropea biex tagħmel il-ħajja aktar sikura għaċ-ċittadini tagħha, dawk li wiegħbu għall-istħarriġ tal-Ewrobarometru għażlu "**Il-ġlieda kontra terroriżmu u r-radikalizzazzjoni**" (66%), sew qabel "kontroll aħjar tal-fruntieri esterni" (39%).

“ *L-istess paga għall-istess xogħol madwar l-Unjoni Ewropea.*
Parteċipant onlajn mill-Awstrija

Kif tista' l-politika kummerċjali ttejjeb il-valuri Ewropej dwar il-ħarsien tal-ambjent?

Id-Djalogu maċ-Ċittadini f'Helsinki, il-Finlandja

“ *L-UE insiet lin-"nies b'introjtu baxx".
Din hija waħda mir-raġunijiet għaliex il-popoliżmu refa' rasu.*
Id-Djalogu maċ-Ċittadini koorganizzat mal-Parlament Ewropew fi Bled, is-Slovenja.

Naħseb li l-UE għandha tfassal politiki li jkunu ta' benefiċċju għar-reġjuni tal-UE li l-aktar jeħtieġu li jiżviluppaw u mhux politiki li huma ta' benefiċċju għal reġjuni li huma diġà sinjuri.

Parteċipant onlajn mill-Bulgarija

“ *It-twaqqif tal-prosekutur kontra l-korruzzjoni fuq livell tal-UE*
Parteċipant onlajn mill-Iżvezja

Kont taf li...

- ... il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali kien proklammat f'Novembru 2017 biex b'hekk fetaħ it-triq għal-Ewropa aktar soċjali fil-futur.
 - ... fin-negozjar ta' ftehimiet kummerċjali ma' pajjiżi mhux tal-UE, il-Kummissjoni Ewropea qed tipproteġi setturi sensittivi u ma aċċettax kompromessi fuq l-istandards tas-sikurezza alimentari. Huma l-valuri u l-prinċipji li jiggwidaw in-negozjati;
 - ... l-Unjoni Ewropea għandha waħda mill-aktar politiki avvanzati fid-dinja dwar il-protezzjoni tal-konsumatur. ... id-drittijiet tal-passiġġieri u t-tmiem tal-imposti tar-roaming waslu grazzi għall-Ewropa.
 - ... ir-regoli l-ġodda għall-postazzjoni tal-ħaddiema se tiżgura paga ugwali għal xogħol ugwali fl-istess post.
 - ... il-ħolqien tal-Awtorità Ewropea tax-Xogħol se jiffaċilita l-kooperazzjoni bejn l-atturi nazzjonali fil-qasam tal-mobilità tal-forza tax-xogħol u fil-ġlieda kontra l-abbużi;
 - ... is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen ikkontribwiet għal madwar 50,000 arrest u l-intraċċar ta' 200,000 kriminal serju fl-2017.
 - ... ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data, li daħal fis-seħħ f'Mejju 2018, jagħmel l-Ewropa l-aktar reġjun avvanzat fid-dinja fir-rigward tad-*data* personali, inkluż il-qasam diġitali.
-



2.3 Indirizzar tal-migrazzjoni

L-emozzjonijiet jipprevalu meta ċ-ċittadini madwar il-kontinent jiddiskutu l-**kriżi tar-refuġjati**, il-migrazzjoni intra-UE, il-ħaddiem ippostjati, il-kontroll fuq il-fruntiera u Schengen. Matul il-Panel taċ-Ċittadini f'Mejju 2018, ma kienx hemm qbil dwar il-mod kif għandhom ikunu indirizzati dawn il-mistoqsijiet. Similarment, opinjonijiet espressi permezz tal-konsultazzjoni onlajn huma ċarament polarizzati, li jirrifletti d-diversità tal-opinjonijiet tal-Ewropej dwar kwistjonijiet ta' migrazzjoni u ażil. Uħud isejġu għal Unjoni Ewropea li tiftaħ aktar dirgħajha, bl-użu ta' kliem bħal “merħba dinjituża” jew “politika dwar il-migrazzjoni diċenti”. Oħrajn isejġu għal azzjoni biex jingħata tmiem għat-**telf ta' ħajjiet umani** fil-Mediterran. Bosta jsejġu wkoll għat-tmiem tal-**migrazzjoni irregolari** jew għar-ritorn tal-migranti f'sitwazzjonijiet irregolari, waqt li xi wħud saħansitra jixtiequ jaraw li l-migranti kollha jkunu rritornati rrispettivament mill-istatus tagħhom.

Il-Migrazzjoni b'mod ġenerali, inklużi l-isfidi ffaċċati mill-Istati Membri tal-Mediterran b'mod partikolari, jibqgħu suġġett ta' diskussjoni f'bosta Djalogi maċ-Ċittadini madwar l-Ewropa. L-**integrazzjoni** tal-migranti u l-**kooperazzjoni** ma' pajjiżi mhux tal-UE, notevolment fl-Afrika, huma diskussi wkoll.

Bħala parti mill-Ewrobarometru dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa, dawk li wiegħbu kienu mistoqsija x'għandhom ikunu l-prijoritajiet fil-qasam tal-migrazzjoni sabiex ikunu ta' benefiċċju għall-Ewropej fl-20 sena li ġejjin. L-għażliet l-aktar popolari kienu “It-titjib tas-sitwazzjoni fil-pajjiżi minn fejn jiġu l-migranti” (45%) u “Il-ġlieda kontra l-migrazzjoni illegali” (44%).

“ Għandna kriżi tal-migrazzjoni. X'jagħmlu l-pajjiżi tal-UE? Kulħadd jaf li ma jaqblux. X'inhi s-soluzzjoni?
Id-Djalogu maċ-Ċittadini f'Copenhagen, id-Danimarka

Operazzjoni konġunta ta' salvataġġ fuq il-Baħar Mediterran. Id-distribuzzjoni ta' nies li qed ifittxu protezzjoni skont il-liġi tal-ażil permezz ta' formula fissa lill-ISTATI MEMBRI KOLLHA.
Parteċipant onlajn mill-Belġju

”

“ Waqqfu l-migrazzjoni irregolari, ritorn tal-migranti irregolari kollha għall-pajjiż li minnhu qasmu lejn l-UE.
Parteċipant onlajn mis-Slovakkja.

Imblukkaw ir-refuġjati ekonomiċi minn pajjiżi sikuri milli qatt jirfsu l-art fl-UE.
Parteċipant onlajn min-Netherlands

”


Kont taf li...

- ... l-operazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea għenu biex isalvaw aktar minn 690,000 persuna mill-baħar fl-2015.
 - ... il-miġjiet ta' migranti irregolari tnaqqsu: Tul ir-Rotta tal-Lvant tal-Mediterran, il-wasliet naqsu b'97 % wara d-Dikjarazzjoni tal-UE-Turkija u llum għadhom 90 % anqas mill-ogħla livell fl-2015. Mar-Rotta tal-Mediterran Ċentrali, il-flussi irregolari tnaqqsu bi 80%;
 - ... il-Kummissjoni Ewropea qed tappella lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex jaqblu dwar il-proposti tal-Kummissjoni għal 10,000 Gwardja tal-Fruntieri u tal-Kosta addizzjonali u għal sistema tal-UE għall-ażil li tibqa' valida fil-futur.
-



2.4 Ġlieda kontra t-tibdil fil klima, protezzjoni ambjentali

It-tibdil fil-klima huwa perċepit bħala kwistjoni ewlenija għal bosta ċittadini. Parteċipanti fid-Djalogu maċ-Ċittadini mhux biss riedu jkunu jafu aktar dwar il-mod li l-Unjoni Ewropea qed tindirizza din l-isfida dinjija, iżda wkoll dwar kif huma stess jistgħu jgħinu. Kumplessivament, l-Ewropej jiddubitaw ftit jew xejn li t-tibdil fil-klima huwa almenu parzjalment dovut għall-attivitajiet umani.



Ewrobarometru, Novembru 2018

Il-Ftehim ta' Pariġi u l-pjanijiet biex jitnaqqsu l-**emissjonijiet ta' gass b'effett ta' serra** huma fuq quddiem fl-aġenda taċ-ċittadini. Minkejja tħassib serju relatat mal-impatt tat-tibdil fil-klima u mat-tniġġis, saru wkoll kummenti li jittamaw fl-iżvilupp tal-**enerġija rinnovabbli**, fl-investment fl-ekonomija ekoloġika u fl-**innovazzjoni** possibbli biex tgħin tippreserva l-ambjent.

Matul id-Djalogi maċ-Ċittadini jitqajmu bosta mistoqsijiet dwar l-**iskart** (speċjalment il-**plastik**), il-bijodiversità u l-benessri tal-annimali, inkluż l-impatt tal-biedja intensiva, u kif ukoll il-krudeltà lejn l-annimali u l-ittestjar fuqhom.

“

X'qiegħda tagħmel l-UE biex tixpruna l-investment fl-enerġija solari u f'sorsi oħra ta' enerġija rinnovabbli?

Id-Djalogu maċ-Ċittadini f'Riga, il-Latvja

L-UE se tinvesti f'teknoloġinja biex tnaddaf il-baħar?

Id-Djalogu maċ-Ċittadini f'Blankenberge, il-Belġju

”

“

Illimitaw it-tibdil fil-klima, evitaw xmajjar ta' soppa tal-plastik.

Parteċipant onlajn min-Netherlands

Kont taf li...


- Mill-1990 l-emissjonijiet tal-gassijiet serra fl-Unjoni Ewropea tnaqqsu bi 22%;
 - L-Unjoni Ewropea hija impenjata bis-sħiħ għall-Ftehim ta' Pariġi dwar il-Klima. Hija stipulat objettivi vinkolanti ta' mill-anqas 32% ta' sorsi rinnovabbli fil-produzzjoni tal-enerġija u 32.5% ta' effiċjenza enerġetika sal-2030;
 - Il-Kummissjoni Ewropea sejñet għall-azzjoni biex l-Ewropa issir ekonomija għanja, moderna, kompetittiva u newtrali fuq il-klima sal-2050.
 - Il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat ukoll l-ewwel strateġija komprensiva dwar il-plastiks fid-dinja, flimkien ma proposti konkreti biex ikunu sostitwiti il-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss.
-



2.5 Ewropa aktar b'saħħitha fid-dinja

Bosta ċittadini jsejġu għal koordinazzjoni u konsolidazzjoni ulterjuri tal-azzjonijiet esterni tal-Unjoni Ewropea. Huma jridu jaraw kemm **il-politika barranija** komuni iżda wkoll il-**politika tad-difiża** komuni. Waqt li r-rwol tar-Rappreżentant Għoli ma jidhix li huwa magħruf sew, għadd kbir ta' kontributori jiddiskutu l-ħtieġa ta' Ministeru għall-Affarijiet Barranin komuni.

L-Unjoni Ewropea spiss titqabbel mal-bqija tad-dinja u, b'mod ġenerali, il-parteciġpanti jfaħħru r-rwol tal-Unjoni fuq il-pjattaforma internazzjonali. Pereżempju, il-maġġoranza ta' dawk li rrispondew għall-Ewrobarometru jikkunsidraw li l-**paċi** huwa valur l-ġista' jkun rappreżentat aħjar mill-Unjoni Ewropea milli minn pajjiżi oħra fid-dinja.



jaħsbu li l-Unjoni Ewropea hija post ta' Stabilità f'dinja mimlija inkwiet.

Dan jirrappreżenta żieda ta' ħames punti perċentwali meta mqabbel mal-2017, u żieda ta' għaxar punti perċentwali meta mqabbel mal-2016.

Ewrobarometru, Novembru 2018

Parteċipanti fid-Djalogu spiss isemmu **potenzi dinjija oħra** bħar-Russja, iċ-Ċina u l-Istati Uniti tal-Amerka. Huwa ċar li huma jaspiraw li l-Ewropa tkun attur daqstant b'saħħitha fl-arena ġeopolitika dinjija. Bosta jikkellmu dwar il-ħtieġa ta' **"vuċi waħda"**, waqt li oħrajn jipproponu l-"unifikazzjoni" tal-politiki barranin.

Uħud jmorru oltre u jsejġu biex jintemmu s-setgħat tal-veto f'dan il-qasam.

“ Niddefendu ruġna fil-konfront ta' potenzi dinjija oħra bħar-Russja, iċ-Ċina, u l-Istati Uniti tal-Amerka.
Parteċipant onlajn mid-Danimarka

Nitkellmu b'vuċi waħda fuq il-pjattaforma internazzjonali.
Parteċipant onlajn mill-Belġju

“ Armata komuni Ewropea. Abolizzjoni tal-veto mill-Istati Membri dwar il-politika barranija u d-drittijiet tal-bniedem. Politiki aktar assertivi lejn ir-Russja u ċ-Ċina.
Parteċipant onlajn mir-Repubblika Ċeka

L-Ewropa għandha bżonn li tkun rappreżentata aħjar fil-livell internazzjonali.
Parteċipant onlajn minn Franza

Sabiex niffrankaw il-flus u nużawhom b'mod aktar effiċjenti, neħtieġu standards teniċi komuni fl-industrija tad-difiża.
(Djalogu fuq Facebook Live)

Kont taf li...

- ... il-Kummissjoni Ewropea qed tipproponi Fond Ewropew għad-Difiża ta' EUR 13-il biljun fil-baġit fuq terminu twil li jmiss (2021-2027) sabiex iżżid l-awtonomija strateġika tagħha, f'kumplementarjetà man-NATO;
 - ... l-Unjoni Ewropea tipprovdi aktar minn nofs il-kooperazzjoni għall-iżvilupp fid-dinja. L-għajnuna umanitarja provduta mill-Unjoni Ewropea tlaħħaq madwar 100 miljun ruġ kull sena;
 - ... il-Kummissjoni Ewropea pproponiet sħubija reali mal-Afrika biex timxi lil hinn mill-karità u lejn investiment u impjegi.
-



2.6 Ewropa tal-valuri

L-Ewropa hija assoċjata bil-kbir mal-valuri. L-Unjoni Ewropea hija primarjament perċepita sew bħala proġett ta' paċi u bħala żona ta' **libertà** fejn id-**drittijiet fundamentali** huma rrispettati. Ir-rispett tal-Unjoni Ewropea għad-demokrazija, għad-drittijiet tal-bniedem u għall-istat tad-dritt huwa kkunsidrat bħala l-akbar assi tal-Unjoni minn dawk li wiegħbu għall-Ewrobarometru, ftit oġġha mis-setgħa ekonomika, industrijali u kummerċjali tagħha.

In-nozzjoni ta' **solidarjetà** hija konsistentament għolja ħafna fuq l-aġenda. **L-ugwaljanza bejn is-sessi u n-nondiskriminazzjoni** huma kkunsidrati bħala pilastri maġġuri tas-soċjetà tagħna.

Waqt bosta Djalogi maċ-Ċittadini, il-parteċipanti espresmew it-tħassib tagħhom dwar il-qagħda tal-**istat tad-dritt** f'xi Stati Membri. In-nies talbu wkoll lill-Ewropa biex tkompli l-għlieda kontra l-**korruzzjoni** fl-Istati Membri li bosta jorbtu mal-istat tad-dritt.

Bosta parteċipanti iddiskutew il-mod li d-**demokrazija Ewropea** tiffunzjona llum. Minoranza żgħira biss jirrifjutaw l-integrazzjoni Ewropea bħala kunċett. Xi drabi l-parteċipanti jipperċepixxu l-istituzzjonijiet Ewropej bħala **remoti** wisq, wisq **burokratiċi**, jew wisq klementi mal-lobbies u mal-kumpaniji l-kbar. Waqt li jridu li l-Unjoni Ewropea tiegħu aktar azzjoni dwar kwistjonijiet maġġuri, huma marbuta wkoll mal-prinċipju tas-**sussidjarjetà**.

F'kuntast fejn bosta huma mħassba dwar l-atmosfera politika fl-Ewropa u bnadi oħra, iċ-ċittadini jistennew li l-Mexxejja Ewropej jiżviluppaw **viżjoni** ċara għall-futur tal-kontinent. Huma jitolbu aktar trasparenza u japprezzaw aktar informazzjoni dwar l-Unjoni u l-politiki tagħha biex tgħin hom jifhmu aħjar u **jinfluwenzaw id-deċiżjonijiet**.

Xi kontribuzzjonijiet isejġu biex tittieġed azzjoni li tqarreb lill-Unjoni Ewropea lejn iċ-ċittadini tagħha permezz ta' **esperjenzi** diretti u **simboli**. L-ideat jinkludu skambji kulturali, tagħlim ta' lingwi oħra u

tagħlim dwar l-Ewropa fl-iskola. Simboli Ewropej bħall-bandiera u l-innu huma wkoll spiss imsemmija.


Ftit xhur qabel l-elezzjonijiet Ewropej, xi parteċipanti huma mħassba li d-**diżinformazzjoni** u forom oħra ta' manipulazzjoni jistgħu jfixklu l-proċess demokratiku.

“ Opportunitajiet indaqs hu x'inhum is-sess, il-kulur, il-ħsieb, ir-reliġjon jew il-flus.
Parteċipant onlajn mir-Rumanija.

Skrutinju tal-lobbies u trasparenza fil-funzjonament tal-istituzzjonijiet Ewropej.
Parteċipant onlajn minn Franza

”

“ X'tagħmel l-Unjoni Ewropea biex tiżgura li kumpanija multinazzjonali kbar iħallsu t-taxxi dovuti?
Id-Djalogu maċ-Ċittadini f'Berlin, il-Ġermanja



jaħsbu li ż-żieda tal-partijiet politiċi li jipprotestaw kontra l-elit politiku tradizzjonali f'pajjiżi Ewropej varji hija preokkupanti.

Ewrobarometru, Novembru 2018

“ Tħassib dwar ir-radikalizzazzjoni politika u ż-żieda esponenzjali tal-ksenofobija u r-razziżmu. Xi movimenti jfakkru fl-Ewropa tas-snin 1930 qabel il-gwerra.
Parteċipant onlajn minn Spanja

Kif tista' tikseb diversità reali tal-informazzjoni meta l-pjattaformi soċjali jużaw filtri biex jadattaw il-kontenut għall-utenti?
Id-Djalogu maċ-Ċittadini f'Budapest, l-Ungerija

”

“ Il-Mexxeja jridu jsibu mod biex jistimulaw l-interess taċ-ċittadini Ewropej biex jipparteċipaw f'deċizzjonijiet politiċi li aktar tard jaffettwaw il-ħajja tagħhom..
Konsultazzjoni onlajn - Parteċipant mill-Greċja

Qabel l-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew, id-djalogi u l-iskambji ta' opinjonijiet bejn il-fruntieri huma kruċjali għan-nies biex ikunu jistgħu jifhmu aħjar it-tħaddim tad-demokrazija fl-UE.
Id-Djalogu maċ-Ċittadini f'Pärnu, l-Estonja

”

Kont taf li...


- ... il-Kummissjoni Ewropea qed tieġu azzjoni biex tiżgura li l-kumpaniji l-kbar jħallsu s-sehem xieraq tat-taxxa fejn jaqilgħu l-profitti tagħhom;
 - ... il-Kummissjoni Ewropea tapplika regoli stretti għall-kuntatti ma' gruppi ta' interess. Hija pproponiet ftehim interistituzzjonali biex iżid it-trasparenza;
 - ... waqt li intensifikat id-Djalogi maċ-Ċittadini, il-Kummissjoni Ewropea għamlet proposti biex tirriforma l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej, biex tkun aktar faċli li ċ-ċittadini jippreżentaw inizjattivi politiċi.
 - ... tressqu serje ta' miżuri konkreti biex jiżguraw li l-Elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew tas-sena d-dieġla jkunu organizzati b'mod ħieles, ġust u sigur. Dan jinkludi aktar trasparenza fir-reklamar onlajn u sanzjonijiet eventwali għall-użu illegali tad-*data* personali.
-



2.7 Perspettiva għall-ġenerazzjoni żagħżugħa

Bħala proġett li jħares 'il quddiem, l-Unjoni Ewropea hija intrinsikament marbuta maż-żagħżagħ. Bosta kontributori, minn gruppi ta' età differenti, jippruvaw jimmaġinaw il-ġejjieni tal-iżgħar ġenerazzjonijiet.

Iċ-ċittadini jorbtuha ma' suġġetti bħall-**mobilità**, **l-edukazzjoni** u l-programmi ta' skambju. **Erasmus** huwa konsistentament u espliċitament imsemmi bħala eżempju.



jikkunsidraw li l-proġett tal-Unjoni Ewropea joffri perspettiva futura għaż-żgħażgħ tal-Ewropa.

Ewrobarometru, Novembru 2018

Flimkien ma' suġġerimenti għal *curricula* komuni jew għar-rikonoxximent tad-diplomi, bosta jaraw **l-iskejjel** bħala post fejn l-Ewropa għandha tkun mgħallma u fejn il-ġenerazzjoni żagħżugħa tista' titgħalliem dwar il-**valuri komuni** tagħna.

“ Ninvestu aktar flus fl-edukazzjoni u fir-riċerka.
Parteċipant onlajn mill-Iżvezja

Il-proġetti li jikkonċernaw liż-żgħażaġħ, l-iskambju bejn l-istudenti, studenti li jiġu minn pajjiżi Ewropej, l-ewwel nett Erasmus, u dak kollu li jippermetti l-ħolqien ta' kultura komuni, permezz ta' lingwi differenti.
Parteċipant onlajn mill-Italja

”

“ L-UE għandha tkellem lill-ġenerazzjoni żagħżuġha b'mod li jinftiehem, inkluż permezz tal-għodda diġitali.
Id-Djalogu maċ-Ċittadini fi Bratislava, is-Slovakkja

L-UE għandha tindirizza l-qgħad u speċjalment l-eżodu tal-imħuħ, sabiex iż-żgħażaġħ ikollhom opportunitajiet fl-Ewropa.
Id-Djalogu maċ-Ċittadini f'Ateni, il-Greċja

”

Kont taf li...


- Għall-programm Erasmus+ tal-futur, li jseħħ mill-2021 sal-2027, il-Kummissjoni Ewropea tipproponi li tirdoppja l-baġit tiegħu għal EUR 30 biljun. Aktar minn 3.5 miljun persuna żagħżuġha huma appoġġati mill-Garanzija għaż-Żgħażaġħ fis-sena, biex b'hekk jirċievu offerta ta' impjieg, edukazzjoni kontinwa, traineeship jew apprendistat;
 - ... il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà għandu l-għan li juri solidarjetà u li jgħin lil dawk l-aktar vulnerabbli. Sa tmiem l-2020, 100,00 żagħżuġħ se jkunu jistgħu jipparteċipaw f'attività tal-Korp ta' Solidarjetà;
 - ... il-Koalizzjoni għall-Ħiliet u l-Impjiegi Diġitali se tħarreġ miljun żagħżuġħ qiegħed sal-2020.
-

NAGĦMLU DIFFERENZA

Li nisimgħu liċ-ċittadini u nindirizzaw it-tħassib tagħhom jagħmel differenza.

Ċittadini Ewropej li pparteċipaw f'dawn id-Djalogi kkondividew il-perċezzjonijiet tagħhom u l-viżjoni għall-ġejjieni. Mhumiex dejjem sodisfatti bil-mod kif taħdem l-Ewropa llum l-ġurnata. Invarjabbilment, huma jistennew ħafna iżda għandhom it-tendenza li jkunu ottimisti dwar il-ġejjieni.

Dan huwa kkonfermat mill-Ewrobarometru li sar f'Novembru tal-2018 fost il-pubbliku inġenerali. Tlieta minn kull ħames Ewropej jiddikjaraw li huma ottimisti dwar il-ġejjieni tal-Unjoni Ewropea. Dan huwa l-ogħla proporzjon mill-2009.




Ewrobarometru, Novembru 2018

Il-mod kif l-istituzzjonijiet Ewropej huma perċepiti huwa influwenzat pożittivament mill-att ta' dibattitu permanenti maċ-ċittadini u mill-integrazzjoni tat-tħassib u l-aspettativi tagħhom fit-tfassil tal-politika. L-aktar *data* riċenti tal-Ewrobarometru turi li fl-2018, 50% tal-persuni fl-Unjoni Ewropea għandhom it-tendenza li jafdaw lill-Parlament Ewropew u 46% lill-Kummissjoni Ewropea (valuri li huma rispettivament 13 u 14-il punt perċentwali ogħla mir-rebbiegħa tal-2014)

Fiduċja fl-Istituzzjonijiet Ewropej

Għidli jekk għandekx it-tendenza tafda l-istituzzjonijiet Ewropej jew le.
(% - UE – Tendenza ta' fiduċja)




Ewrobarometru, Marzu 2018

Hija r-responsabilità tagħna lkoll li niżguraw li t-tama u l-ottimizzmu għall-ġejjieni Ewropej tagħna jsiru realtà u li ċ-ċittadini jkollhom l-opportunità li jgħidu tagħhom.



Il-President ta' l-mandat lill-Membri tal-Kulleġġ biex jipparteċipaw b'mod attiv fid-djalgi maċ-ċittadini u mal-partijiet ikkonċernati fl-Istati Membri.



GHID X'TAĦSEB INT

Tista' tattendi d-Djalogi maċ-Ċittadini jew tieġu sehem fil-konsultazzjoni online dwar il-Futur tal-Ewropa.

https://ec.europa.eu/commission/future-europe_mt

